VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,692, 31 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 337 tal-2021

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti fuq il Provvista ta' l-Elettriku, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 545.01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "membru tal-familja fil-qrib" tiegħu, għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

""miter tal-VE" tfisser miter tal-elettriku installat jew approvat mill-Enemalta għall-iskop li jitkejjel il-konsum tal-elettriku għall-iċċarġjar ta' VE;";

(b) minnufih wara t-tifsira "*smart meter*" tiegħu, għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

"stazzjon tal-iċċarġjar pubbliku" tfisser għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, stazzjon tal-iċċarġjar tal-VE li jinsab fi triq pubblika jew spazju pubbliku fejn id-domanda hija relatata biss mal-iċċarġjar tal-VE;";

(ċ) fit-tifsira "Uffiċċju" tiegħu, il-kliem "ta' distribuzzjoni." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' distribuzzjoni;" u minnufih wara għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

""vettura elettrika" jew "VE" tfisser vettura bil-mutur mgħammra bil-*powertrain* li fiha tal-inqas magna elettrika

mhux periferika waħda (1) bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna ta' enerġija elettrika rikarikabbli, li tista' tiġi rikarigata esternament.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (d) tas-subregolament (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(e) Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti:

(i) ħlas għall-installazzjoni ta' darba ta' ħamsin euro (€50) għandu jkun applikabbli għal kull applikazzjoni ġdida għal miter addizzjonali ta' *single-phase* għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post Non-Residenzjali li jkun diġà pprovdut b'servizz *single-phase* jew *three-phase*;

(ii) ħlas għall-installazzjoni ta' darba ta' tmenin euro (€80) għandha tkun applikabbli għal kull applikazzjoni ġdida għal miter *three phase* addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post Non-Residenzjali li jkun diġà pprovdut b'servizz bi *three phase*:

Iżda li, miter addizzjonali wieħed (1) biss għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi jista' jiġi pprovdut fuq kwalunkwe servizz u kont ta' konsum ta' *single phase* jew *three phase*:

Iżda wkoll li, l-miter addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi installat bħala miter supplimentari tal-miter tal-konsum ewlieni u fuq servizz eżistenti għandu jkun installat fil-viċinanza qariba tal-miter tal-konsum f'post xieraq kif jista' jiġi determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(iii) servizz ġdid tal-elettriku jew aġġornament jew modifika ta' servizz eżistenti għal stazzjon tal-iċċarġjar pubbliku għandu jiġi pprovdut skont il-ħlasijiet applikabbli stabbiliti taħt dan ir-regolament.

(f) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti:

(i) il-ħlas ta' installazzjoni ta' darba ta' ħamsin euro (€50) għandu jkun applikabbli għal kull applikazzjoni ġdida għal miter *single-phase* addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post Residenzjali diġa provdut b'servizz *single-phase* jew *three-phase;*

(ii) ħlas ta' installazzjoni ta' darba ta' tmenin euro (€80) għandu jkun applikabbli għal kull applikazzjoni ġdida għal miter ta' *three-phase* addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post Residenzjali diġà pprovdut b'servizz ta' *three-phase*:

Iżda li, miter addizzjonali wieħed (1) biss għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi jista' jiġi pprovdut fuq kwalunkwe servizz u kont ta' konsum ta' *single-phase* jew *three-phase*:

Iżda wkoll li, l-miter addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi installati bħala miter supplimentari tal-miter tal-konsum ewlieni u fuq servizz eżistenti għandu jkun installat fil-viċinanza qariba tal-miter tal-konsum f'post xieraq kif jista' jiġi determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.".

Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara s-subregolament (13) tar-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(14) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, servizz f'Post Non-Residenzjali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi għandu jitħallas skont ir-Raba' Skeda.

(15) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, servizz ta' Post residenzjali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi għandu jitħallas skont il-Ħames Skeda.".

Iżid regolament ġdid 37 mar-regolamenti prinċipali.

5. Minnufih wara r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Miters tal-VE.

37. (1) L-elettriku fornut permezz ta' miter tal-VE, għandu jintuża għal skopijiet tal-iċċarġjar tal-VE biss. Kwalunkwe użu ieħor jew tbagħbis tiegħu għandu jwassal għal kwalunkwe azzjoni legali li għandha tittieħed mill-Enemalta, kif jidhrilha meħtieġ, u kif permess taħt dawn ir-regolamenti, inkluża s-sospensjoni tal-provvista lill-post.

(2) L-installazzjoni mill-miter tal-VE, sa u inkluż il-punt tal-iċċarġjar tal-VE, għandha tkun ir-responsabbiltà unika tal-konsumatur u għandha tkun konformi ma' kwalunkwe rekwiżit ta' dawn ir-regolamenti, u kwalunkwe regolamenti oħra applikabbli.

(3) Kwalunkwe installazzjoni elettrika fiż-żona li tospita l-installazzjoni, mill-VE miter sa, u inkluż il-punt tal-iċċarġjar VE, għandha tiġi fornuta mill-istess servizz u l-akkont li jforni l-VE miter.

(4) Mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi qabel, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jżid tagħmir ta' kontroll addizzjonali għall-installazzjoni tal-miter tal-VE, kif jidhirlu meħtieġ.".

Iżid ir-Raba' Skeda ġdida u l-Ħames Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiġu miżjuda dawn l-Iskedi ġodda li ġejjin:

"Ir-Raba' Skeda
(Regolament 36 (14))

1. Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, is-servizz għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post mhux Residenzjali għandu jkun suġġett għall-ħlasijiet ta' kull xahar li ġejjin:

(a) ħlas ta' servizz ta' sitt euro (€6) fix-xahar (VAT inkluż) f'każ ta' miter tal-VE *single-phase*; u

(b) ħlas ta' servizz ta' tmien euro (€8) fix-xahar (VAT inkluż) f'każ ta' miter tal-VE *three-phase*.

Fil-każ ta' stazzjonijiet pubbliċi ta' ċċarġjar ta' VE il-ħlas għas-servizz u t-tariffi fit-Tieni Skeda m'għandhomx japplikaw u minflok għandhom japplikaw il-ħlas għas-servizz u t-tariffi f'din l-Iskeda.

2. Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-konsum għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post mhux residenzjali, kif imkejjel bil-miter VE installat għal dan il-għan, u matul il-perjodi ta' ħin bejn nofs il-lejl (00:00am) u l-ħamsa u disgħa u ħamsin (05:59a.m.) u bejn nofs in-nhar (12:00p.m.) u ħmistax u disgħa u ħamsin (15:59p.m), u l-Ħdud il-ġurnata kollha minn nofs il-lejl (00:00a.m.) sa tlieta u għoxrin, disgħa u ħamsin (23:59p.m.) għandhom jiġu mħallsa bir-rata ta' zero punt wieħed, tnejn, disgħa, tmienja (€0.1298/kWh), li tinkludi l-VAT.

3. Il-konsum tal-elettriku għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post mhux Residenzjali kif imkejjel mill-miter VE barra mill-perjodi ta' ħin bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) u l-ħamsa u disgħa u ħamsin (05:59a.m.), bejn nofs in-nhar (12:00p.m.) u ħmistax u disgħa u ħamsin (15:59 p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofs il-lejl (00:00am) sa tlieta u għoxrin u disgħa u ħamsin (23:59pm) u kif imkejjel bil-miter installat għal dak l-iskop għandhom jiġu mħallsa bir-rata ta' zero punt wieħed, erbgħa, tmienja, ħamsa (€0.1485/kWh), li

VERŻJONI ELETTRONIKA

tinkludi l-VAT.

4. Fejn il-miter tal-VE huwa installat bħala miter supplimentari għall-miter tal-konsum ewlieni li jforni l-post, il-konsum kif imkejjel mill-miter tal-VE għandu jitnaqqas għall-finijiet tal-akkontar mill-konsum imkejjel mill-miter tal-konsum ewlieni.

5. Fil-każ ta' stazzjonijiet pubbliċi tal-iċċarġjar tal-VE, għandhom japplikaw biss it-tariffi tas-servizz u t-tariffi ta' din l-Iskeda.

Il-Ħames Skeda
(Regolament 36(15))

1. Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, is-servizz għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'post Residenzjali għandu jkun soġġett għall-ħlasijiet għas-servizz ta' kull xahar li ġejjin:

(a) erbgħa euro (€4) fix-xahar f'każ ta' installazzjoni ta' miter tal-VE *single-phase*; u

(b) sitt euro (€6) fix-xahar f'każ ta' installazzjoni ta' miter tal-VE *three-phase*.

2. Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-konsum għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'post Residenzjali, kif imkejjel bil-miter installat għal dak l-iskop, u matul il-perjodi ta' ħin bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) u l-ħamsa u disgħa u ħamsin (05:59a.m.) u bejn nofs in-nhar (12:00p.m.) u ħmistax u disgħa u ħamsin (15:59p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) sa tlieta u għoxrin u disgħa u ħamsin (23:59p.m.) għandhom jiġu iċċarġjati bir-rata ta' zero punt wieħed, tnejn, disgħa, tmienja (€0.1298/kWh), li tinkludi l-VAT.

Kwalunkwe konsum tal-elettriku għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'Post Residenzjali mkejjel barra mill-perjodi ta' ħin bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) u l-ħamsa u disgħa u ħamsin (05:59a.m.) u bejn nofs in-nhar (12:00p.m.) u ħmistax u disgħa u ħamsin (15:59p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) sa tlieta u għoxrin u disgħa u ħamsin (23:59p.m.) għandhom jiżdiedu mal-konsum normali tas-servizz ta' Post Residenzjali għall-perjodu tal-ħlas rispettiv u għandhom jitħallsu skont l-Ewwel Skeda.

Fejn il-miter tal-VE huwa installat bħala miter supplimentari għall-miter tal-konsum ewlieni li jforni l-post, il-konsum kif imkejjel mill-miter tal-VE matul il-perjodi ta' ħin bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) u

l-ħamsa u disgħa u ħamsin (05:59a.m.) u bejn nofs in-nhar (12:00p.m.) u ħmistax u disgħa u ħamsin (15:59p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofs il-lejl (00:00a.m.) sa tlieta u għoxrin u disgħa u ħamsin (23:59p.m.) għandu jitnaqqas għall-finijiet tal-akkontar mill-konsum imkejjel mill-miter tal-konsum ewlieni.".